



5.12.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (COM(2018)0375 – C8-0230/2018 – 2018/0196(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Gabriela Zoană

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-Rapporteur tapprezza l-isforz li sar mill-Kummissjoni fl-abbozzar li hija wettqet tal-proposta għal regolament dwar dispożizzjonijiet komuni, speċjalment meta nqisu li dan jissodisfa l-hteġa tal-kontinwità fl-iżborżament tal-fondi, il-flessibbiltà u s-simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tiegħu.

Dan ir-regolament huwa bażi għas-sinerġija bejn il-Fondi Strutturali, li l-objettiv ewlieni tagħhom hu li jfornu appoġġ lir-reġjuni inqas żviluppati biex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali fl-Unjoni Ewropea.

Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali huwa vettura sostenibbli u effiċjenti ta' investiment għat- tkabbir u l-iżvilupp taż-żoni rurali, in-negozji u r-riżorsi fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija kif ukoll fl-ekonomija rurali. Huwa kapaċi jappoġġa firxa wiesgħa ta' għanijiet ta' żvilupp, immirati biex ikunu ta' benefiċċju għal taqsima estiża ta' benefiċjarji, biex potenzjali li tuża l-fondi mill-ġdid għal investimenti oħra.

Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fondi Strutturali hija parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 il-ġdid, u tistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni għal ġestjoni kondiviża u biex b'hekk tipprovdi ġabra komuni ta' regoli bażiċi għal seba' fondi bl-eċċezzjoni ovvja ħafna tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).

Fil-fehma tar-Rapporteur, jeħtieġ li l-FAEŻR jibqa' jinżamm fir-Regolament ta' Dispożizzjonijiet Komuni tal-qafas leġiżlattiv futur. Din l-opinjoni prinċipalment temenda lil dan l-aspett tal-proposta tal-Kummissjoni.

L-emendi proposti għandhom il-għan li jstabbilixxu mill-ġdid ir-rabta bejn il-fondi, mingħajr ma joħolqu piż amministrattiv addizzjonali u duplikazzjoni tar-regoli, filwaqt li jiżguraw livell koerenti ta' fondi strutturali.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jstieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

Emenda

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, ***il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali*** u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Ir-riformi strutturali jistgħu jħaffu l-proċess biex tiżdied il-konverġenza soċjali u ekonomika fost l-Istati Membri. L-effetti ta' tali konverġenza u t-tisħiħ tar-reżiljenza jistgħu jwasslu għal prosperità akbar.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi l-ġdid, li għalih qed jiġi propost baġit globali ta' EUR 25 biljun, mhuwiex mistenni li jibda qabel Jannar 2021.

Sadanittant, huwa importanti li wieħed ikun minn ta' quddiem nett b'għodda simili biex jiġu appoġġati r-riformi strutturali.

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Sabiex ikompli jiżviluppaw implimentazzjoni koordinata u armonizzata tal-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+"), il-Fond ta' Koeżjoni, miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS"), il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (Asylum and Migration Fund, "AMIF"), il-Fond għas-Sigurtà Interna (Internal Security Fund, "ISF") u l-Istrument għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u tal-Viżi ("BMVI"), jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji bbażati fuq l-Artikolu 322 **TFUE** għal dawn il-Fondi kollha ("il-Fondi"), li jispeċifikaw biċ-ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet komuni bbażati fuq l-Artikolu 177 **TFUE** jiġu stabbiliti biex ikopru r-regoli speċifiċi tal-politika għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 2a (ġdid)

Emenda

(2) Sabiex ikompli jiżviluppaw implimentazzjoni koordinata u armonizzata tal-Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali ("FEŻR"), il-Fond Soċjali Ewropew Plus ("FSE+"), il-Fond ta' Koeżjoni, **il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)**, miżuri ffinanzjati taħt ġestjoni kondiviża fil-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ("FEMS"), il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni (Asylum and Migration Fund, "AMIF"), il-Fond għas-Sigurtà Interna (Internal Security Fund, "ISF") u l-Istrument għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u tal-Viżi ("BMVI"), jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli finanzjarji bbażati fuq l-Artikolu 322 **tat-TFUE** għal dawn il-Fondi kollha ("il-Fondi"), li jispeċifikaw biċ-ċar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet komuni bbażati fuq l-Artikolu 177 **tat-TFUE** jiġu stabbiliti biex ikopru r-regoli speċifiċi tal-politika għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-FEMS.

(2a) Fid-dawl tal-mudell il-ġdid għall-implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni u sabiex jiġu żgurati l-konverġenza tar-regoli u proċedura ħafna aktar sempliċi għall-benefiċjarji finali tal-Fondi Agrikoli Ewropej li 90 % minnhom huma bdiewa, il-biċċa l-kbira tar-regoli komuni f'dan ir-Regolament se japplikaw għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Madankollu, ċerti regoli f'dan ir-Regolament li jenħtieġ li japplikaw għall-iżvilupp territorjali, ir-regoli dwar il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni u l-istrumenti finanzjarji għadhom japplikaw għall-għajnuna ffinanzjata mill-FAEŻR kif imsemmi f'regolamenti speċifiċi settorjali.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Jenħtieġ li r-reġjuni ultraperiferiċi u r-reġjuni skarsament popolati tat-Tramuntana jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali skont l-Artikolu 349 *TFUE* u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

Emenda

(4) Jenħtieġ li r-reġjuni ultraperiferiċi, **li jinsabu partikolarment żvantaġġati minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom u huma soġġetti għal diżastri naturali spissi**, u r-reġjuni skarsament popolati tat-Tramuntana jibbenefikaw minn miżuri speċifiċi u minn finanzjament addizzjonali skont l-Artikolu 349 **tat-*TFUE*** u l-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) **Jeh**tieġ li l-Ftehim ta' Sħubija,

Emenda

(15) **Jenħ**tieġ li l-Ftehim ta' Sħubija,

imħejji minn kull Stat Membru, ikun dokument strateġiku li jiggwida n-negozjati bejn il-Kummissjoni l-Istat Membru kkonċernat dwar it-tfassil tal-programmi. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ma jkunx hemm għalfejn jiġu emendati l-Ftehimiet ta' Sħubija matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Sabiex **jiffaċilitaw il-programmazzjoni** u jiġi evitat kontenut duplikat fid-dokumenti ta' programmazzjoni, **il-Ftehimiet** ta' Sħubija **jistgħu** jiġu inklużi bħala parti minn programm.

imħejji minn kull Stat Membru, ikun dokument strateġiku li jiggwida n-negozjati bejn il-Kummissjoni l-Istat Membru kkonċernat dwar it-tfassil tal-programmi. Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li ma jkunx hemm għalfejn jiġu emendati l-Ftehimiet ta' Sħubija matul il-perjodu ta' programmazzjoni. Sabiex **tiġi ffaċilitata l-programmazzjoni** u jiġi evitat kontenut duplikat fid-dokumenti ta' programmazzjoni, **jenħtieġ li jkun possibbli li l-Ftehimiet** ta' Sħubija jiġu inklużi bħala parti minn programm.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Jenħtieġ li l-mekkaniżmi għall-iżgurar ta' rabta bejn il-politiki ta' finanzjament u l-governanza ekonomika tal-Unjoni jkomplu jiġu rfinuti, biex il-Kummissjoni tkun tista' tagħmel proposta lill-Kunsill biex tissospendi l-impenji kollha jew parti minnhom għal wieħed mill-programmi jew aktar tal-Istat Membru kkonċernat meta dak l-Istat Membru jonqos milli jieħu azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi u fid-dawl tal-importanza li jiġu imposti l-effetti finanzjarji tal-miżuri, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni jiġu konferiti fuq il-Kunsill li jenħtieġ li jaġixxi fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet li huma meħtieġa biex tiġi żgurata azzjoni effettiva fil-kuntest tal-proċess tal-governanza ekonomika, jenħtieġ li tintuża votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata inversa.

Emenda

imħassar

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Sabiex jiġi mobilizzat aħjar il-potenzjal fil-livell lokali, jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi ffaċilitat is-CLLD. Jenħtieġ li jqis il-ħtiġijiet lokali u l-potenzjal, kif ukoll **karatteristiċi** soċjokulturali rilevanti, u jenħtieġ li jipprevedi bidliet strutturali, jibni l-kapaċità tal-komunità u jstimola l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jissaħħu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-użu integrat tal-Fondi biex jitwasslu strateġiji għall-iżvilupp lokali. Jenħtieġ li, bħala prinċipju essenzjali, il-gruppi ta' azzjoni lokali li jirrappreżentaw l-interessi tal-komunità jkunu responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tas-CLLD. Sabiex jiġi ffaċilitat appoġġ koordinat minn Fondi differenti għall-istrateġiji tas-CLLD u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-użu ta' approċċ ta' "Fond Prinċipali".

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jintalab rappurtar elettroniku aktar

Emenda

(24) Sabiex jiġi mobilizzat aħjar il-potenzjal fil-livell lokali, jeħtieġ li jissaħħaħ u jiġi ffaċilitat is-CLLD (**li taħt il-FAEŻR jissemma bħala "LEADER"**). Jenħtieġ li jqis il-ħtiġijiet lokali u l-potenzjal, kif ukoll **il-karatteristiċi** soċjokulturali rilevanti, u jenħtieġ li jipprevedi bidliet strutturali, jibni **l-kapital uman u** l-kapaċità tal-komunità **tal-għarfien** u jstimola l-innovazzjoni. Jenħtieġ li jissaħħu l-kooperazzjoni mill-qrib u l-użu integrat tal-Fondi biex jitwasslu strateġiji għall-iżvilupp lokali. Jenħtieġ li, bħala prinċipju essenzjali, il-gruppi ta' azzjoni lokali li jirrappreżentaw l-interessi tal-komunità jkunu responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tas-CLLD. **S'issa, il-gruppi ta' azzjoni lokali kisbu riżultati notevoli, u għalhekk jenħtieġ li jirċievu appoġġ finanzjarju aktar komprensiv.** Sabiex jiġi ffaċilitat appoġġ koordinat minn Fondi differenti, **inklużi dawk mhux koperti minn dan ir-Regolament,** għall-istrateġiji tas-CLLD u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jiġi ffaċilitat l-użu ta' approċċ ta' "Fond Prinċipali".

Emenda

(29) Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, jenħtieġ li jintalab rappurtar elettroniku aktar

frekwenti dwar id-data kwantitattiva.

regolari dwar id-data kwantitattiva.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni

(30) Sabiex tappoġġa t-tnejn tal-programmi u l-attivitajiet relatati tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fondi. Fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet *retrospettivi* tal-Fondi, li jenħtieġ li jiffukaw fuq l-impatt tal-Fondi.

Emenda

(30) Sabiex tappoġġa t-tnejn tal-programmi u l-attivitajiet relatati tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Fondi. Fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjonijiet *ex post* tal-Fondi, li jenħtieġ li jiffukaw fuq l-impatt tal-Fondi.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Sabiex jottimizzaw l-assorbiment ta' investimenti ambjentali kofinanzjati, jenħtieġ li s-sinerġiji jiġu żgurati bil-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika LIFE, b'mod partikolari permezz ta' proġetti integrati strateġiċi LIFE u proġetti ta' natura strateġika.

Emenda

(36) Sabiex jottimizzaw l-assorbiment ta' investimenti ambjentali kofinanzjati, jenħtieġ li s-sinerġiji jiġu żgurati bil-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika LIFE, b'mod partikolari permezz ta' proġetti integrati strateġiċi LIFE u proġetti ta' natura strateġika, *kif ukoll il-komplementarjetà ma' fondi u strumenti oħra tal-Unjoni Ewropea.*

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36a) Is-suċċess tal-proġetti integrati strateġiċi jiddependi mill-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali,

reġjonali u lokali u l-atturi mhux statali kkonċernati. Jenhtiegħ għalhekk li jiġu applikati l-prinċipji tat-trasparenza u tal-iżvelar tad-deċiżjonijiet relatati mal-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti.

Emenda 14

Proposta għal regolament Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni

(40) Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenhtiegħ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi u l-istrumenti ġestiti direttament inkluża l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi. Jenhtiegħ li dawn is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenhtiegħ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament komplementari mill-Fondi.

Emenda

(40) Sabiex jiġi ottimizzat il-valur miżjud mill-investimenti ffinanzjati kompletament jew parzjalment permezz tal-baġit tal-Unjoni, jenhtiegħ li wieħed ifittex sinerġiji b'mod partikolari bejn il-Fondi, **inklużi l-fondi agrikoli**, u l-istrumenti ġestiti direttament inkluża l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi. Jenhtiegħ li dawn is-sinerġiji jinkisbu permezz ta' mekkaniżmi ewlenin, jiġifieri r-rikonoxximent ta' rati fissi għal kostijiet eliġibbli mill-Orizzont Ewropa għal operazzjoni simili u l-possibbiltà li jiġi kkombinat finanzjament minn strumenti tal-Unjoni differenti fl-istess operazzjoni sakemm jiġi evitat finanzjament doppju. Għaldaqstant, jenhtiegħ li dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli għal finanzjament komplementari mill-Fondi.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 66

Test propost mill-Kummissjoni

(66) Fil-kuntest taċ-ċirkustanzi uniċi u speċifiċi fil-gżira tal-Irlanda, u bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramunta u n-Nofsinar skont il-Ftehim tal-Ġimġha l-Kbira, jenhtiegħ li programm transfruntier ġdid "PEACEPLUS" ikompli

Emenda

(66) Fil-kuntest taċ-ċirkustanzi uniċi u speċifiċi fil-gżira tal-Irlanda, u bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kooperazzjoni bejn it-Tramunta u n-Nofsinar skont il-Ftehim tal-Ġimġha l-Kbira, jenhtiegħ li programm transfruntier ġdid "PEACEPLUS" ikompli

jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti, Peace u INTERREG, bejn il-kontej transfruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Meta wieħed iqis l-importanza Prattika tiegħu, jenħtieġ li dan il-programm jiġi appoġġat b'allokazzjoni speċifika biex ikompli jappoġġa azzjonijiet għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni, u jenħtieġ li jiġi allokati ukoll sehem xieraq mill-allokazzjoni Irlandiża taħt il-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) għall-programm.

jibni fuq il-ħidma ta' programmi preċedenti, Peace u INTERREG, bejn il-kontej transfruntiera tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq. Meta wieħed iqis l-importanza Prattika tiegħu, jenħtieġ li dan il-programm jiġi appoġġat b'allokazzjoni speċifika biex ikompli jappoġġa azzjonijiet għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni, u jenħtieġ li jiġi allokati ukoll sehem xieraq mill-allokazzjoni Irlandiża taħt il-mira tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (Interreg) għall-programm. **Barra minn hekk, minħabba l-pożizzjoni ġeografika unika tagħha, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni addizzjonali sabiex jiġu allokati riżorsi biex jiġu indirizzati l-konnettività u l-kwistjonijiet relatati li jistgħu jinqalgħu wara l-Brexit;**

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) dispożizzjonijiet komuni għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni u **għall-FEMS**.

Emenda

(b) dispożizzjonijiet komuni għall-FEŻR, għall-FSE+, għall-Fond ta' Koeżjoni, **għall-FEMS u għall-FAEŻR, dawk id-dispożizzjonijiet biss li huma msemmija fil-punt 5a ta' dan l-Artikolu.**

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. It-*Titolu III, Kapitolu II u l-Artikoli 41 u 43 għandhom japplikaw għall-miżuri ta' għajnuna ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali ("il-FAEŻR"), u l-Artikolu 2, paragrafi 15 sa 17 u 22 sa 25, kif ukoll l-Artikoli 52 sa 56 għandhom japplikaw*

għall-istrumenti finanzjarji previsti fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) [...] ("ir-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK") u appoġġati skont il-FAEŻR.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) ir-reġjuni NUTS 2, li għadhom kif inħolqu bejn l-2016 u l-2018;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti. Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lill-imsieħba li ġejjin:

1. Kull Stat Membru għandu jorganizza sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali kompetenti **li jkunu qed joperaw f'dak iż-żmien**. Dik is-sħubija għandha tinkludi minn tal-anqas lill-imsieħba li ġejjin:

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) l-awtoritajiet reġjonali u lokali jew l-assoċjazzjonijiet tagħhom;

Emenda 21

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar dan u tagħtih l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahar.

Emenda

Meta ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Istat Membru dwar dan u tagħtih l-opportunità li jippreżenta l-kummenti tiegħu fi żmien xahar. ***L-iskadenza tista' tiġi estiża jekk l-Istat Membru jippreżenta ġustifikazzjoni xierqa lill-Kummissjoni.***

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-qagħda soċjoekonomika tal-Istat Membru ***jew*** tar-reġjun ikkonċernat;

Emenda

(b) il-qagħda soċjoekonomika tal-Istat Membru ***u*** tar-reġjun ikkonċernat;

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) ir-reġjuni NUTS 2, li ġew stabbiliti bejn l-2016 u l-2018;

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-operazzjonijiet li ***jintgħażlu*** għandhom jikkonformaw mal-istrateġija territorjali.

L-operazzjonijiet ***magħżula*** li ***jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-objettivi speċifiċi li għalihom jintlaqa' l-finanzjament*** għandhom jikkonformaw mal-istrateġija territorjali.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 25 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-FEŻR, il-FSE+ u l-FEMS jistgħu jappoġġaw żvilupp lokali mmexxi mill-komunità.

1. ***Il-FAEŻR għandu jappoġġa lill-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità. F'dak il-każ għandha ssir referenza għalih bħala LEADER.*** Il-FEŻR, il-FSE + u l-FEMS ***f'sinerġija mal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali għandhom jappoġġaw l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u kull wieħed minnhom għandu jalloka ammont assenjat mill-fondi tiegħu għalih.***

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkun:

- (a) iffukat fuq żoni subreġjonali;
- (b) immexxi minn gruppi ta' azzjoni lokali magħmula minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom, l-ebda grupp ta' interess waħdu ma ***jkollu*** kontroll tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (c) imwettaq permezz ta' strateġiji integrati ***f'konformità*** mal-Artikolu 26;
- (d) ta' appoġġ għal fatturi innovattivi u ta' netwerking fil-kuntest lokali u, meta

Emenda

2. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jkun:

- (a) iffukat fuq żoni subreġjonali ***u fuq żoni rurali;***
- (b) immexxi minn gruppi ta' azzjoni lokali magħmula minn rappreżentanti tal-interessi soċjoekonomiċi lokali pubbliċi u privati, li fihom, l-ebda grupp ta' interess waħdu ***u lanqas l-awtoritajiet pubbliċi kif definiti skont ir-regoli nazzjonali*** ma ***jkollhom*** kontroll tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (c) imwettaq permezz ta' strateġiji integrati ***u multisettorjali ta' żvilupp lokali bbażat fuq żoni speċifiċi f'konformità*** mal-Artikolu 26;
- (d) ta' appoġġ għal fatturi innovattivi u ta' netwerking fil-kuntest lokali u, meta

xieraq, għall-kooperazzjoni ma' atturi territorjali oħra.

xieraq, għall-kooperazzjoni ma' atturi territorjali oħra.

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-grupp ta' azzjoni lokali jista' jkun benefiċjarju u jista' jimplimenta operazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija.

Emenda

5. Il-grupp ta' azzjoni lokali jista' jkun benefiċjarju u jista' jimplimenta operazzjonijiet f'konformità mal-istrateġija, **dment li jkun hemm separazzjoni tal-funzjonijiet fi ħdan il-grupp ta' azzjoni lokali.**

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-animazzjoni tal-istrateġija tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju bejn il-partijiet ikkonċernati, sabiex tingħatalhom l-informazzjoni u sabiex jiġu appoġġati benefiċjarji potenzjali fit-thejjja tagħhom tal-applikazzjonijiet;

Ġustifikazzjoni

Din is-serje ta' emendi hija maħsuba biex iżżomm il-leġiżlazzjoni ġdida f'konformità ma' dik preċedenti, peress li dawn l-attivitajiet attwalment jibbenefikaw minn appoġġ skont l-Artikolu 35 tar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni preċedenti. Ara wkoll l-emendi tal-Artikolu 25.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 2a (ġdid)

2a. Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn jiġu sospiżi l-pagamenti, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Istati Membri u r-reġjuni li jiffaċċjaw tħassib dwar il-konformità minħabba nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jirċievu assistenza teknika adegwata biex itejbu l-kapaċità amministrattiva tagħhom.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 66 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istat Membru jista' jafda ***tal-funzjoni*** kontabbilistika msemija fl-Artikolu 70 lill-awtorità ta' ġestjoni jew lil korp ieħor.

Emenda

2. L-Istat Membru jista' jafda ***l-funzjoni*** kontabbilistika msemija fl-Artikolu 70 lill-awtorità ta' ġestjoni, ***lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni*** jew lil korp ieħor.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 67 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom ifasslu u jadottaw regoli ta' proċedura biex jipprovdu tali appoġġ f'konformità mal-qafas istituzzjonali, legali u finanzjarju tal-Istat Membru kkonċernat.

Ġustifikazzjoni

L-Artikolu 67(5) jeħtieġ kjarifika.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) 2021: **0.5 %**;

(a) 2021: **1,5 %**;

Emenda 33

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) 2022: **0.5 %**;

(b) 2022: **1,5 %**;

Emenda 34

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) 2023: **0.5 %**;

(c) 2023: **1,5 %**;

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) 2024: **0.5 %**;

(d) 2024: **1,5 %**;

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) 2025: **0.5 %**;

(e) 2025: **1,5 %**;

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 84 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt f

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
(f) 2026: 0.5 %	(f) 2026: 1,5 %

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 102 - paragrafu 1

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
<p>1. Il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom isostnu l-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kollha li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 2") stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014.</p>	<p>1. Il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni għandhom isostnu l-għan tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi fir-reġjuni kollha li jikkorrispondu għal-livell 2 tal-klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (reġjuni "NUTS livell 2" inklużi daww maħluqa bejn l-2016 u l-2018) stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 1059/2003, kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 868/2014.</p>

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 102 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

<i>Test propost mill-Kummissjoni</i>	<i>Emenda</i>
<p>Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' kif il-PDG ras għal ras ta' kull reġjun, imkejjejl permezz tal-istandards tal-poter tal-akkwist (PPS) u kkalkolat fuq il-bażi taç-çifri tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2016, jirrelata mal-medja tal-PDG tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.</p>	<p>Il-klassifikazzjoni tar-reġjuni taħt waħda mit-tliet kategoriji ta' reġjuni għandha tkun iddeterminata fuq il-bażi ta' kif il-PDG per capita ta' kull reġjun, imkejjejl permezz tal-istandards tal-poter tal-akkwist ("PPS") u kkalkolat fuq il-bażi taç-çifri tal-Unjoni għall-2014 sal-2016 u l-2016-2018, kif ukoll il-PDG medju tal-UE-27 għall-istess perjodu ta' referenza.</p>

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 104 – paragrafu 4 – subparagrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

Sa mill-1 ta' Jannar **2024**, ir-riżorsi trasferiti għall-FNE li kienu għandhom ma g'ewx impenjati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għal finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament CEF il-ġdid].

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 110 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 jew xi att ieħor applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandu jkompli japplika **għal programmi** u **operazzjonijiet** appoġġati mill-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni u l-FEMS **f'dan** il-perjodu.

Emenda

Ibda mill-1 ta' Jannar **2026**, ir-riżorsi trasferiti għall-FNE li kienu għandhom ma g'ewx impenjati għal proġett tal-infrastruttura tat-trasport għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri kollha eliġibbli għall-finanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni għal finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament CEF il-ġdid].

Emenda

Ir-Regolament (KE) Nru 1303/2013 jew xi att ieħor applikabbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għandu jkompli japplika **għall-programmi** u **l-operazzjonijiet** appoġġati mill-FEŻR, il-FSE, il-Fond ta' Koeżjoni, **il-FAEŻR** u l-FEMS **f'dak** il-perjodu.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi
Referenzi	COM(2018)0375 – C8-0230/2018 – 2018/0196(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 11.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 5.7.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Maria Gabriela Zoaňă 25.6.2018
Data tal-adozzjoni	3.12.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 3 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Daniel Buda, Jacques Colombier, Michel Dantin, Paolo De Castro, Albert Deß, Jørn Dohrmann, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Luke Ming Flanagan, Martin Häusling, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Jarosław Kalinowski, Zbigniew Kuźmiuk, Philippe Loiseau, Mairead McGuinness, Nuno Melo, Ulrike Müller, James Nicholson, Maria Noichl, Marijana Petir, Bronis Ropė, Maria Lidia Senra Rodríguez, Maria Gabriela Zoaňă, Marco Zullo
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Heubuch, Karin Kadenbach, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Birgit Collin-Langen, Renate Sommer

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

25	+
ALDE	Ulrike Müller
ECR	Jørn Dohrmann, Zbigniew Kuźmiuk, James Nicholson
EFDD	Marco Zullo
GUE/NGL	Luke Ming Flanagan, Anja Hazekamp
PPE	Daniel Buda, Birgit Collin-Langen, Michel Dantin, Herbert Dorfmann, Norbert Erdős, Jarosław Kalinowski, Mairead McGuinness, Nuno Melo, Marijana Petir, Sofia Ribeiro, Annie Schreijer-Pierik, Renate Sommer
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Eric Andrieu, Paolo De Castro, Karin Kadenbach, Maria Noichl, Maria Gabriela Zoană

3	-
ENF	Jacques Colombier, Philippe Loiseau
GUE/NGL	Maria Lidia Senra Rodríguez

4	0
PPE	Albert Deß
VERTS/ALE	Maria Heubuch, Martin Häusling, Bronis Ropè

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni